# L-Ordni ta' San Ġwann, il-Fondi tal-Karità u l-Fratellanzi Jiddotaw Bniet Foqra għaż-Żwieġ



**minn Guido Lanfranco**

Bħalma kien hemm f'artijiet oħra fl-Ewropa, fil-gżejjer tagħna kien hawn ftit sinjuri u ħafna foqra. Il-poplu komuni kien jgħix kif jista' fost faqar kbir bit-tqanċiċ u jsofri ħajtu kollha. Imma fost is-sinjuri kien hemm min iħenn u jgħin kif jista'. Bosta drabi nies sinjuri jew li jkollhom xi biċċa art kienu jħallu legati lill-knisja, lill-fratellanzi, u lill- istituzzjonijiet biex bl-mgħaxijiet tagħhom isirilhom quddies għal ruħhom jew isiru festi u tqassim ta' ħobż lill-foqra. Opra ta' karità mal-fqir kienet meqjusa li tirrendi l-merti għal min iwettaqha. Għalhekk f'ħafna testmenti nsibu legati li mhux biss jassiguraw quddies wara l-mewt imma wkoll, fost oħrajn, għoti ta' fondi għad-dota lil tfajliet orfni jew mill-aktar foqra. L-Ordni ta' San Ġwann kienet magħmula minn nies nobbli u sinjuri mill-Ewropa kollha u tista' tgħid li l-kavallieri membri mhux biss kienu jagħmlu rigali rikki għall-knisja u għall-fondi ta' l-istess Ordni imma kienu jħallu legati għal ħafna skopijiet, fosthom legati ta' karità u ta' dota lil tfajliet fqar waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' ċerti festi. F'każijiet speċjali l-Gran Mastru kien jipprovdi għotja ta' flus bħala karità jew għal xi dota biex jitħallsu mill-fondi tat-teżor ta' l-Ordni. Madankollu kien ikun hemm okkażjonijiet speċjali oħra ta' ferħ u festi li fihom il-Kavallieri ta' San Ġwann kienu jirregalaw flus jew jiddotaw bniet foqra li jridu jiżżewġu l-ewwel darba. Okkażjonijiet bħal dawn kienu jinqalgħu meta jinħatar Gran Mastru ġdid li, f'dak il-każ, joħroġhom minn flusu. Meta jinħatar xi renjant fl-Ewropa jew jitwieled xi prinċep aktarx joħorġu l-ispejjeż il-kavallieri tal-lingwa ta' l-istess nazzjonalità tal-prinċep konċernat.

L-organizzazzjonijiet kollha f'Malta kienu jħallu legati li jiddotaw bniet orfni jew foqra, saħansitra wieħed Kavallier tad-Devozzjoni (jew Donat) li fis-seklu tmintax kien involut fil-mażunerija qal li l-hekk imsejħa Loġġa Sigrieta ta' San Ġwann, li fiha kien hemm diversi kavallieri membri, kienet tikkontribwixxi dota lil żewġ tfajliet foqra kull sena.

## L-Ordni ta' San Ġwann u d-Dota

Wara l-Assedju l-Kbir tal-1565, l-Ordni bdiet tiċċelebra t-8 ta' Settembru b'ħafna pompa bħala tifkira tar-rebħa. Fost diversi attivitajiet kienet toħroġ proċessjoni minn San Ġwann, kollha lwien, tlellix u standardi bil-parteċipazzjoni tal-Gran Mastru u l-kbarat kollha madwaru. F'din il-proċessjoni kienu jġorru magħhom l-inkwadru antik tal-Madonna ta' Filermos. Il-festeġġamenti kienu jinkludu tqassim ta' flus u ħobż lill-foqra u jingħataw ukoll flus bħala dota lil għadd ta' xebbiet fqar. Kien hemm fondi apposta fi ħdan l-



Ordni imħollijin bħala legati mill-istess Kavallieri u minn individwi sinjuri. Dawn il-flus tad-dota kienu normalment jingħataw meta l-Gran Mastru fil-proċessjoni jasal ħdejn il-knisja tal-Vitorja, u ġeneralment kien jagħti erbgħin skud lill-ħames tfajliet. F'din il-festa bill-Madonna ta' Filermos il-ħamsa jew sitta bniet verġni kienu jkunu magħżulin mill-istitut ta' l-isptar ta' l-Ordni. Meta kien jitla' Gran Mastru ġdid kienu wkoll jintgħażlu sitt tfajliet oħra u jagħtuhom ħamsin skud dota kull waħda flimkien ma' ħwejjeġ ta' lbies u xi flus oħra.


*Il-knisja tal-Vitorja, il-Belt Valletta*

Mara devota, minn Għawdex imma toqgħod f'Malta, kienet magħrufa għall-opri ta' karità li kienet tagħmel wara li kienet tiġbor għalihom mingħand nies oħra sinjuri twajba li jafuha u jafdawha. Kienet speċjalment tidħol biex tgħin tfajliet iltiema u foqra u wkoll tgħinhom bid-dota taż-żwieġ. Quddiem l-Inkwiżitur, fl-1599, sostniet li bis-saħħa tagħha l-Gran Mastru kien istitwixxa fondi biex kull sena jiddota seba' xebbiet mill-aktar foqra.

Fiċ-ċentinarji tifkira ta' l-Assedju l-Kbir il-festi ta' l-Ordni kienu jsiru speċjali u akbar minn dawk li jsiru kull sena. Minbarra l-għadd ta' tfajliet tas-soltu l-Gran Mastru kien iżid tlieta oħra għad-dota. Fil-festa ta' San Ġwann Battista, patrun ta' l-Ordni, kif wieħed jistenna, kienu jsiru ħafna attivitajiet fil-knisja u barra. Wara t-tqarbin fil-quddiesa tal-festa fil-knisja konventwali ta' San Ġwann żewġ tfajliet foqra ma' l-għarus tagħhom kienu jissejħu jitilgħu ħdejn it-tron tal-Gran Mastru biex jagħtihom borża ċkejkna bil-flus għad-dota.

Fl-1707 twieled prinċep Taljan u l-Kavallieri tal-Lingwa Ta' l-Italja organizzaw festi kbar. Qassmu ħafna ħobż lill-fqar u taw dota ta' mitejn skud biex tinqasmu bejn erba' bniet foqra għaż-żwieġ. Fl-1729 twieled prinċep ieħor, din id-darba Franċiż, għalhekk il-Kavallieri tal-Lingwa ta' Franza ċċelebraw bil-kbir għal tlitt ijiem sħaħ. Fost Ceremonji u manifestazzjonijiet oħra taw 100 skud dota lil kull waħda minn erba' tfajliet foqra; somma kbira għal dak iż-żmien. Il-Gran Mastru saħansitra stedinhom għal pranzu u ballu.

Meta daħlu l-Franċiżi f'Malta dawn iċċelebraw il-jum nazzjonali tagħhom li kien l-14 ta' Lulju. Bħala parti mill-attivitajiet għall-festa għażlu erba' tfajliet foqra, tawhom dota u żewġuhom fil-knisja ta' San Ġwann il-Belt bil-parteċipazzjoni ta' l-Isqof Labini.

## Il-Fond tal-Karità għad-Dota

Il-Fond tal-Karità jew *Monte di Carità* jew ukoll magħruf aħjar bħala *Cumolo di Carità* twaqqaf ftit wara l-Assedju l-Kbir, fl-1569. Dan kien riżultat ta' wiegħda, tista' tgħidilha nazzjonalili, talli l-Gżejjer tagħna ma waqgħux f'idejn it-Torok. Bosta sinjuri bdew iħallu legati għal dan il-fond, f'ħajjithom jew fit-testment għal wara mewthom, biex bl-interessi tagħhom jingħataw dota jew *maritaggio* lil erba' xebbiet iltiema u fqar fir-Rabat u l-Imdina. It-tfajliet kienu jintgħażlu mill-*Universitas* ta' l-Imdina bil-patt li jiżżewġu fil-festa ta' San

Pawl. Uħud mill-benefatturi kienu jagħmlu xi kundizzjonijiet differenti lit-tfajliet li jgawdu d-dota, bħal sawm, rużarju, talb għar-ruħ il-benfatturi u l-kumplament. L-*Universitas* tal-Belt Valletta u t-Tlitt Ibliet kienet għamlet wiegħda oħra fl-1676 meta kellna l-epidemja tal-pesta qalila li qerdet minn fostna ħdax-il elf u tliet mitt ruħ. Fost serje ta' affarijiet oħra mwiegħda kellhom li kull sena jagħtu erbgħin skud dota lil żewġ bniet foqra. Fis-seklu sbatax fir-Rabat kienet tiġi ċelebrata l-festa titulari tal-knisja ta' San Bert fl-24 ta' Awissu. L-amministraturi tal-*Cumolo di Carità* kienu jagħżlu tfajla fqira li tkun waslet biex tiżżewweġ u jtuha dota.

## Dota mingħand il-Fratellanzi

Il-fratellanzi lajċi tradizzjonali kienu aktar numerużi fl-imgħoddi, u fl-istatuti tagħhom kellhom obbligi ta' karità. Imma kellhom ukoll għadd ġmielu ta' legati li jħallulhom benefatturi li, fost benefiċċi oħra kienu meqjusa li jipprovdu dota għaż-żwieġ lil tfajliet orfni jew mill-aktar foqra. Hawn nagħtu biss ftit minn mijiet ta' eżempji.

Il-fratelli tal-fratellanza tal-Karità tal-Birgu kienu jagħżlu tfajliet foqra biex ituhom dota għaż-żwieġ bil-kundizzjoni li jiżżewġu fil-festa u l-altar tal-Madonna tal-Karità tagħhom. Il-fratellanza tal-Karità tal-Belt Valletta kellhom ukoll benefikati mħollijin biex kull sena jagħtu dota lil ħames tfajliet fil-bżonn biex jiżżewġu.

Il-fratellanza tal-Kunċizzjoni mwaqqfa fi ħdan il-Franġiskani Konventwali tar-Rabat t'Għawdex, kellhom legat minn testment tal-1668 biex kull sena, fil-festa tal-Kunċizzjoni wara l-għasar jew il-vespri, jivvutaw biex jagħżlu tfajla fqira, verġni u ta' età adattata, minn Għawdex biex tingħata dota. Kienu jagħżluha l-fratelli stess. Kienu jimmarkaw fuq karta l-isem ta' l-applikanta l-aktar fqira li jafu u jtellgħ isimha bix-xorti, biex tiżżewweġ fit-tieni Ħadd ta' Ġunju. Biż-żmien immodifikaw il-metodu ta' kif jivvutaw billi kienu jinqraw l-ismijiet minn lista mqassra ta' l-applikanti u l-fratelli jixħtu ġo kaxxa bħal boċċi suwed u kannella, b'vot sigriet, skond jaqblux jew le, għal kull tfajla. Fl-aħħar kienu jaraw liema waħda minnhom tkun ġabet l-iżjed voti favur. Din il-kaxxa tal-voti kienet marbuta ma' legat ieħor ta' l-1879 u għalhekk kellha miktub fuqha *Cassa estrazzione legato A. Spiteri*.

Fl-1594 ċerta Imperja Muscat ħalliet legat lill-fratellanza tas-Sagrament għand id-Dumnikani tal-Belt Valletta biex il-festa ta' Corpus issir il-Ħadd minflok fil-jum proprju tagħha l-Ħamis bil-patt li jagħżlu tfajla fqira u tiżżewweġ fuq l-altar maġġur. Din il-fratellanza, bħal oħrajn, kellha għadd ġmielu ta' legati bħal dawn u l-flus kienu jiddepożitawhom b'bank li dak iż-żmien kien magħruf bħala l-*Massa frumentaria* li kienet tieħu ħsieb in-negozju tal-qamħ. Meta ħakem lil Malta Napuljun fl-1798 ikkonfiska l-fondi ta' dan il-bank. Kien żmien meta kienu jinġabru flus ukoll biex bihom jifdu 'il Maltin li kienu nqabdu skjavi u miżmumin fl-Afrika ta' Fuq. Għalhekk kienet ħaġa normali li f'legat tal-1539, li hawn qed neħduh bħala eżempju ta' bosta oħra, li tħalla lid-Dumnikani tal-Birgu, kien hemm stipulat li l-interessi jintużaw għall-fidwa ta' l-iskjavi kif ukoll biex tfajliet foqra jingħataw dota.

Fil-Belt Valletta, fost diversi fratellanzi, kien hemm ukoll il-fratellanza ta' Santa Barbara fil-knisja tagħha quddiem il-knisja ta' San Franġisk. Din il-fratellanza kienet aktar magħrufa bħala Tal-Bumbardieri għax dik il-qaddisa kienet tradizzjonalment patruna tagħhom u ta' fejn tidħol protezzjoni fi splużjonijiet u sajjetti. Din il-fratellanza kellha fondazzjoni biex minnha, fl-4 ta' Diċembru, jiddotaw bniet foqra għaż-żwieġ.

Sa hawn rajna kemm l-Ordni ta' San Ġwann, il-fratellanzi u l-Fondi tal-Karità kollha flimkien taw kontribut biex jgħinu tfajliet foqra biex jiżżewġu, iżda minbarra dawn kien hemm għadd kbir ta'nies twajba, għaqdiet u sorsi oħra f'Malta u Għawdex li, għal żmien twil, kienu jagħmlu l-istess ħaġa.